MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tas-17 ta' Frar, 2015

Numru 423/2014

Il-Pulizija

Spettur Sarah Magri

vs

Antonia Garrett

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputata ta' karta ta' identita' 241369m akkuzata talli;

1. fl-04 ta'Awissu 2013 ghall-habta tas-1:30hrs gewwa Triq tas-Srina, Rabat, soqt vettura BBD 301 u b'nuqqas ta' hsieb u bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tharis tar-regalamenti tat-traffiku, hbatt ma' vettura nru BRU 511 u involontarjament ikkagunajt hsarat ghad-dannu ta' Bruce Simon Pace;
2. b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku, nvolontarjament ikkagunajt offizi ta' natura

gravi fuq il-persuna ta’ Tagora Giemary Beduya skond kif iccertifika Andre’ Navarro M.D. Reg -5454 mill-M.D.H;

Il-Prosekuzzjoni titlob lil-Qorti li int tigi skwalifikata mill-licenzja kollha tieghek tas-sewqan ghal-perjodu ta’ zmien li l-Qorti jidrilha xieraq.

Semghat l-imputata tammetti l-akkuzi fl-liema ammissjoni baqghet tinsisti anke wara li l-Qorti taghta hin tirrikonsidra;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkonsidrat:

Mid-dokumenti, senjatament l-okkorrenza, jirrizulta li l-incident tat-traffiku gara tort tal-imputata li konxja ta’ dan irregistrat ammissjoni.

Fuq l-iskorta ta’ din l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata l-Qorti tiddikjarha u ssibha hatja tal-akkuzi riportati kontra taghha. Ikkonstat li l-ferita fuq il-parti leza hi kwalifikabbli bhala gravi biss fit-termini tal-Artikolu 216 (1)(2) tal-Kap 9.

Rat l-Artikoli 226 u 226A tal-Kap 9. Tiddeciedi li tapplika kontra l-imputata l-Artikolu 22 tal-Kap 446 b’dan li tilliberha kondizzjonatament li ma taghmilx reat iehor fi zmien sitt xhur mill-lum.

Rat l-Artikolu 15(3) tal-Kap 66 u tiskwalifikalha l-licenzji taghha kollha tas-sewqan ghal zmien tmien t’ijiem mill-lum.

Il-Qorti fehmet lill-imputata r-responsabilitajiet taghha skond is-sentenza.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------